

Konvenuta: BioSemi VOF, Antonius Pieter Kuiper, Robert Jan Gerard Honsbeek, Alexander Coenraad Metting van Rijn

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tat-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzji mediċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82), kif emendata bid-Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 (ĠU L 247, p. 21) — Interpretazzjoni tal-kunċett ta' "mezzji mediċi" — Applikazzjoni tad-direttiva għal prodott intiż għall-finijiet ta' studju ta' proċess fiżjoloġiku kkummerċjalizzat għall-finijiet mhux mediċi

Dispożittiv

It-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzji mediċi, kif emendata bid-Direttiva Nru 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "mezzji mediċi" jinkludi oġġetti maħluq mill-manifattur tiegħu biex jiġi użat fuq il-bniedem għal finijiet ta' studju ta' proċess fiżjoloġiku biss jekk huwa intiż għal għan mediku.

(¹) ĠU C 232, 6.8.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Novembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel București — Ir-Rumanija) — C Gran Via Moinești Srl vs Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Administrația Finanțelor Publice București

(Kawża C-257/11) (¹)

(Direttiva 2006/112/KE — Taxxa fuq il-valur miżjud — Artikoli 167, 168 u 185 — Dritt għal tnaqqis — Regularizzazzjoni tat-tnaqqis — Akkwist ta' art u ta' bini mibni fuq din tal-aħħar, sabiex dan il-bini jitwaqqa' u l-ħolqien ta' proġett ta' proprjetà immobbli fuq din l-art)

(2013/C 26/14)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel București

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C Gran Via Moinești Srl

Konvenuta: Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Administrația Finanțelor Publice București

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Curtea de Apel București — Interpretazzjoni tal-Artikoli 167, 168 u 185(2) tad-Direttiva tal-

Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Dritt għat-tnaqqis tal-VAT relatata max-xiri ta' bini bl-intenzjoni li jitwaqqa' sabiex jitwettaq proġett ta' bini — Attività ekonomika qabel it-twertiq tal-proġett ta' bini, li tikkonsisti fl-ewwel spejjeż ta' investiment magħmula għall-bżonnijiet tat-twertiq tal-imsemmi proġett — Aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT

Dispożittiv

- (1) L-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kumpannija li kienet xtrat art u bini mibni fuq din tal-aħħar, intiża għat-twaqqiġ ta' dan u tal-bini ta' kumpless residenzjali fuq din l-art, għandha d-dritt li tnaqqas il-VAT fir-rigward tal-akkwist tal-imsemmi bini
- (2) L-Artikolu 185 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-twaqqiġ ta' bini, akkwistat flimkien mal-art li fuqha ġie mibni, li twettaq sabiex jinbena kumpless residenzjali minflok dan il-bini, ma jinvolvix obbligu li jiġi aġġustat it-tnaqqis tal-bidu magħmul għal VAT fir-rigward tal-akkwist tal-imsemmi bini

(¹) ĠU C 238, 13.8.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Novembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad Sofia-grad — il-Bulgarija) — Kremikovtzi AD vs Ministar na ikonomikata, energetikata i turizma i zamestnik-ministar na ikonomikata, energetikata i turizma

(Kawża C-262/11) (¹)

(Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Bulgarija — Settur tal-azzar — Għajjnuna pubblika għar-ristrutturazzjoni mogħtija qabel l-adeżjoni — Kundizzjonijiet — Vijabbiltà tal-benefiċjarji fi tmiem il-perijodu ta' ristrutturazzjoni — Dikjarazzjoni ta' insolvenza ta' benefiċjarju wara l-adeżjoni — Kompetenzi rispettivi tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni Ewropea — Deċiżjoni nazzjonali li tikkonstata l-eżistenza ta' dejn pubbliku li jikkonsisti f'għajjnuna li saret illegali — Deċiżjoni UE-BG Nru 3/2006 — Anness V tal-Att ta' Adeżjoni — Għajjnuna applikabbli wara l-adeżjoni — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Għajjnuna eżistenti)

(2013/C 26/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad